# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 75/02/SM**

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Computime Ltd.**

**vs**

**Mario Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM2,500 danni li kellhom jaghmlu fronti ghalihom minhabba "comprehensive policy of insurance" u dana in segwitu ghal incident stradali li sehh f'Hal-Qormi fit-30.01.2001 bejn car Alfa Nru BAH 198, car nru SAR 216 misjuqa minnhu u car nru KBA 639 assikurata mal-istanti – prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident li wassal**

**ghad-danni reklamati minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

**Bl-ispejjez komprizi LM23 tal-konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tallum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 t'April tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**